**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum il-Hamis 16 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Priscilla Caruana Lee)**
**Vs**
**Francesco Novella**
**Joseph Mary Fenech**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Francesco Novella**, ta' 55 sena, iben Carmine u Lucia Fiorillo, imwieled Salerno fis-17 ta' Marzu, 1962, residenti 116, Via Porto, Salerno l-Italia detentur tal-passaport Taljan bin-numru YA5057141 u kontra **Joseph Mary Fenech** ta' 65 sena, imwieled Birkara fit-22 ta' Ottubru, 1950, iben Lawrence u Agnes xebba Vella, residenti 66, Flat 11, Triq il-Punent, Valletta detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 852750M.

Akkuzati talli nhar l-10 ta' Gunju, 2016 u fil-jiem ta' qabel, fir-rigward tal-bastiment bin-numru ta' mmarkar estern FT56 u bl-isem Cyrene, li jtajjab bandiera Libjana:

a) Francesco Novella bhala kaptan tal-bastiment as-sajd hawn fuq imsemmi wettaq reat kontra l-att stante li kellu hut abbord u ma avzax lill-ufficcjal ghat-tharis tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-prezentazzjoni

ta' hut abbord il-bastiment qabel ma' l-bastiment dahal fl-ibhra tas-sajd u dan bi ksur ta' l-artikolu 11(1) tal-Kap. 425;

b) Ukoll talli bhala kaptan tal-bastiment tas-sajd barrani imsemmi, talli ghadda taghrif falz biex issir notifika skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008 mir-rapprezentant tieghu u dan sabiex jikseb access ghall-port gewwa Malta konta u bi ksur tal-legislazzjoni applikabbli;

c) Aktar talli bhala kaptan kiser l-artikoli 3 u 4 ta' L.S. 425.08 billi zamm jew halla li jinzamm hut ta' l-ispeci *Thunnus Thynnus* li ma giex irrapurtat fil-gurnal tas-sajd (fishing logbook) li ghandu jinzamm abbord il-bastiment bi ksur tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) 1224/2009;

d) Lil Joseph Mary Fenech bhala direttur tal-kumpanija Salina Aquaculture Limited (C23019) u bhala l-persuna illi trasmetta n-notifika skond l-Artikolu 6 tar-Regolamet (KE) 1005/2008 lill-awtoritajiet Maltin, kien ko-awtur jew komplici biex twettaq ir-reat ta' taghrif kalz surriferit.

Il-Qorti hija umilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-kost u l-ispejjez relattivi ghall-procedimenti skond l-artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk u kif applikabbli.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f' kaz ta' htija joghgobha tordna u timponi provvediment skond l-artikoli 30(2), 31(4) u 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-konfiska favur l-Gvern tal-prodotti tas-sajd abbord, il-kost u spejjez, kif wkoll l-garanziji dovuti u taz-zamma u, jew konfiska

tal-bastiment tas-sajd u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tordna u timponi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzati;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-pieni;

Regghet semmghet l-ammissjoni ta' l-akkuzati.

Rat il-Ligi senjatament l- Artikoli 11(1), 31(4), 30(2), 31(4) u 35 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008, l-artikoli 3 u 4 ta' L.S. 425.08, tal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) 1224/2009, kif wkoll l-Artikolu 6 tar-Regolamet (KE) 1005/2008.

Fic-cirkostanzi ssib lill-akkuzati hajta ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u wara li rat il-Ligi, ndikata fir-rikors tal-prosekuzzjoni, qieghdha tikkundanna lil Francesco Novella jhallas multa ta' €6,000, qed tikkundanna lill Joseph Mary Fenech jhallas multa ta' €1,000, qed tikkundanna lill-istess Joseph Mary Fenech sabiex jhallas ghal ispejjez kollha relattivi ma' l-investigazzjoni li saru mill-Awtoritajiet koncernati, filwaqt li mhix ser tordna l-konfiska la tal-hut u lanqas tal-bastiment.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur.**